# Ajruplani tal-Baħar tar-*Royal Air Force* f'bajjiet Melleħin

Kitba ta' Charles Debono BA (Hons) History & MA History

Matul l-aħħar sena tal-Ewwel Gwerra Dinjija, numru ta' ajruplani tal-baħar tar-*Royal Air Force* (RAF) ġew trasferiti f'Malta biex jgħinu fil-gwerra kontra l-*U-boote* (Sottomarini Ġermanizi) tal-*Kaiserliche Marine*, li kienu jħufu f'ibħra Maltin. Dawn l-ajruplani tal-baħar kienu stazzjonati f'Kalafrana. Wara tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija dawn l-ajruplani komplew joperaw minn Kalafrana għal għanijiet varji, bħal pereżempju ko-operazzjoni mar-*Royal Navy* (RN). Però l-ajruplani tal-baħar li kien hawn Malta kienu joperaw biss minn Kalafrana.[1] Żewġ bajjiet minnhom jinsabu fil-Mellieħa li huma l-Bajja tal-Mistra[2] u l-Bajja ta' Għajn Tuffieħa.[3]



*Ajruplani tal-baħar tat-tip Fairey IIIDs fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa.*

Tipi partikulari ta' ajruplani tal-baħar li kienu jsorġu f'dawn iż-żewġ bajjiet kienu tat-tip Fairey IIIDs u l-verżjoni iktar avvanzata tat-tip Fairey IIIF Mk.3Ms tan-*No.202 Squadron*. Jeżistu żewġ ritratti ta' ajruplani tat-tip Fairey IIIDs tal-istess skwadra msemmija fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa u r-ritratt l-ieħor tat-tip Fairey Mk.3Ms fil-Bajja tal-Mistra.[4]



*Ajruplani tal-baħar tat-tip Fairey IIIDs fil-Bajja tal-Mistra.*

Fir-ritratt meħud fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa jidhru żewġ Fairey IIID, wieħed fuq ix-xtajta u l-ieħor ftit metri 'l bogħod minnu f'baħar baxx. Wara l-ajruplani fuq ix-xtajta jidhru numru ta' nies tas-servizz, li kienu jaħdmu fuq dawn l-ajruplani, tliet tined bojod u żewġ barrakki.[5] Fir-ritratt l-ieħor meħud fil-Bajja tal-Mistra jidhru tliet Fairey IIF Mk.3Ms fuq ix-xtajta. Ma hemmx nies tas-servizz fil-viċinanzi tal-ajruplani u għalhekk x'aktarx kienu għadhom kif illandjaw fil-bajja.[6]



*Ajruplan tal-baħar tat-tip Sunderland fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar. Il-Messerschmitts immaxingjaw L2164 fis-7 ta' Marzu 1941.*

Fil-bidu tas-snin għoxrin, l-iskwadra kienet għadha magħrufa bħala n-*No. 481 Flight* tal-*Fleet Air Arm*. Hija waslet f'Malta fl-1923 u kienet stazzjonata fil-Bajja ta' Kalafrana fejn użat Fairey IIIDs bejn is-snin għoxrin u s-snin tletin, sakemm ġew mibdula mill-Fairey IIIF.Mk3Ms.[7] Għalhekk, ir-ritratt li juri Fairey IIDs fil-Bajja ta' Għajn



*Tlett ijiem wara l-Messerschmitts rritornaw fejn din id-darba mmaxingjaw Sunderland L2164 u spiċċa jaqbad.*

Tuffieħa probabbilment ittieħed matul dawn is-snin.[8] Il-*Flight* inbidlet fi skwadra f'Jannar 1929 u b'hekk saret tissejjaħ *No.202 Squadron* tal-RAF. F'Lulju 1932 l-iskwadra rċiviet l-ewwel Fairey IIIF.Mk.3M. Kif jindika dan ir-ritratt tal-Fairey IIIF.Mk.3 meħud fil-Bajja tal-Mistra, probabbilment ittieħed fil-bidu tas-snin tletin.[9]



*Is-Sunderland L2164 jaqbad, fejn anki nqagħlet u waqgħet il-gwejnħa tax-xellug.*

Wara ftit xhur li bdew l-attakki fuq Malta (mill-11 ta' Ġunju 1940), għall-aħħar ta' Jannar 1941 ġie deċiż li jibagħtu żewġ Short Sunderland Mk.Is fil-Bajja tal-Mistra. Dawn malajr ġibdu l-attenzjoni tal-ajruplani tal-ġlied tal-*Luftwaffe*, il-Messerschmitt Bf109Es tas-7/JG 26 fejn fis-7 ta' Marzu 1941 ġew immaxingjati u ġarrbu diversi ħsarat. Is-Surġent Alan Jones, li kien għassies fuq is-Sunderland L2164, immedjatament beda jispara fuq l-ajruplani tal-għadu, però dawn tal-aħħar wieġbu lura, fejn is-surġent intlaqat fuq il-post u miet. Tlett ijiem wara reġgħu rritornaw l-ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi, fejn din id-darba reġa' ġie mmaxingjat l-L2164 u beda jaqbad. L-ajruplan ġie miġbud 'il barra mill-Bajja tal-Mistra, fejn ġie meqrud u għereq fil-baħar



*Kif spiċċa s-Sunderland L2164 meta ġie meqrud, fejn għereq f'baħar baxx.*

baxx. It-tieni Sunderland T9046 intlaqat ukoll waqt dan l-attakk però rnexxielhom itajruh sal-Bajja ta' Kalafrana biex jissewwa.[10]

Interessanti li fl-istess bajja għamel xi żmien ukoll ajruplan tal-baħar Franċiż li ħarab mit-Tuneżija li kienet tifforma parti minn Franza ta' Vichy (il-parti ta' Franza mhux okkupata mill-Ġermaniżi), fil-15 ta' Ottubru 1940. Dan l-ajruplan kien tat-tip Loire 130, li ġie inkorporat u wżat min-*No.228 Squadron*, sakemm darba minnhom ġie mmaxingjat u mgħarraq minn ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi.[11]



*Ajruplan tal-baħar Franċiż Loire 130.*

Dan l-artiklu huwa mislut mill-ktieb tal-istess awtur li jismu *Wartime Mellieħa 1940-43: The role of the village in the Second World War* li gie ppubblikat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fl-2014.

(L-awtur huwa Storiku u Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, fil-Forti Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, parti mis-Sezzjoni Marittima u Storja Militari ta' Heritage Malta).

**Referenzi**

1. J. A. Mizzi (ed), *Malta at War Vol 1*.
2. A. Coldman, *Malta: An Aviation History*, Malta, 2001, p 71.
3. Mizzi, p 50.
4. Ibid, and A. Coldman, *Malta: An Aviation History*, Malta, 2001, p 71.
5. Mizzi, p 50.
6. Coldman, p 71.
7. Ibid, pp 69-70.
8. Mizzi, p 50.
9. Coldman, pp 70-71.
10. A. Mizzi (ed), *Malta at War Vol 11*, Malta, 2001, p 596-597.
11. http://www.britmodeller.com/forums/index -latecoere-298-floatplane-in-british-service